MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2013

Talba Numru. 522/2012

**GO p.l.c. C 22334**

**vs.**

**Sonia Elizabeth Kennedy K.I. 22953 (A)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta′ attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuta tas-somma ta' tliet mija u disgħa u erbgħin Ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€349.29), in konnessjoni ma' servizz bin-numru 21580679 u bin-numru tal-kont AC40149578, liema servizz ġie reż mis-soċjeta′ attriċi lill-konvenuta;
Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu

preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta’ tliet mija u disgħa u erbgħin Ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€349.29), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi, ippreżentata fl-20 ta’ Frar 2012 u numerata 356/12, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali ċitata, huma a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------